MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 402/2012

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)
vs
**Paul Lughermo**
iben Duminku, imwieled il-Belt Valletta fil-25 ta' Awwissu, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 616155(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Lughermo, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar 1-24 ta' Lulju, 2012 ghal habta tal-11.15a.m. fl-inhawi maghrufa bhala tal-Fekruna, limiti ta' San Pawl il-Bahar offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta li llum saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Awwissu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat

l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u il-fedina penali tal-imputat sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' erbghin (40) jum kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' mitt Euro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Lughermo minnu pprezentat fil-21 ta’ Awwissu, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Qorti sabet l-esponenti hati skont l-akkuza kif dedotta, meta l-hin u id-data tal-allegat reat fl-akkuza huma differenti minn dawk indikati mill-provi.

L-akkuza kif dedotta, cioe', li l-allegat reat sehh "fil-21 ta' Lulju, 2012 ghal habta tal-11.15 am”, mhijiex sostnuta mill-provi.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat, b'referenza ghax-xhud Trever De Villiers illi, "waqt li kien qed ighum lemah ras ta' persuna diehla u hierga b’mod imfixxkel minn fethiet differenti mill-hitan u dan mill-ewwel nissel suspett fih. Dan dam josservah ghal siegha shiha.” (sentenza: tieni faccata, tieni paragrafu).

Fil-fatt ix-xhud fl-ewwel faccata tax-xiehda tieghu jghid illi meta mar ighum ma' shabu x- Xemxija kien "at 9 o'clock in the morning.” Fit-tieni faccata jghid li "We had been swimming there for the past one hour. After having our swim we decided to go round the derelict building to see what is going on with this gentleman.”

Ghalhekk, ghall-massimu l-hin tal-allegat reat kien ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00am) u mhux ghall-hdax u kwart (11.15am) kif jinghad fl-akkuza u kif konkluz mill-Ewwel Qorti meta sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta.

Diskrepanza ohra bejn l-akkuza akkolta mill-Qorti u ix-xiehda, hi li waqt li l-akkuza tghid li ir-reat sehh fl-24 ta' Lulju, 2012, li kien il-jum tat-Tlieta, ix-xhud Trever De Villiers jimplika li r-reat sehh is-Sibt filghodu (l-ewwel faccata: xiehda tieghu).

Ghaldaqstant fuq tali diskrepanzi ta' hin u jum ta' meta allegatament twettaq ir-reat, jigi umilment sottomess bir-rispett kollu li l-irnputat appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-akkuza kif dedotta.

It-tieni aggravju huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti sabet htija fl-esponenti, meta fil-meritu l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-akkuza taghha sal-grad lil ‘hinn minn kull dubju dettat mir- raguni.

L-Ewwel Qorti ikkonvinciet ruhha a bazi ta'  dak li qalu z-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni, Trevor De Villiers u Arild Esnali, li l-imputat kien qieghed jimmasturba f’fond li jista' jkun "wiehed espost ghall- pubbliku” ( sentenza: tielet faccata ta’ l-ahhar paragrafu) u ghalhekk sabet htija fl-imputat appellant.

Il- Qorti irrimarkat li " .... ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kellhom ebda motivazzjoni biex jaghmlu dan ir-rapport ghajr il-harsien tal- pudur u il-morali pubblika”.  ( tielet faccata, l-ahhar tat-tieni paragrafu) .

Bir-rispett kollu, jigi umilment sottomess li xi jwassal persuna li taghmel rapport lill-Pulizija dwar allegat reat jista' facilment jiskaturixxi minn impressjoni zbaljata ta' min ghamel ir-rapport.

L-Ewwel Qorti ikkonoxxiet, kif gia' inghad illi x-xhud Trevor De Villiers "Waqt li kien qed ighum lemah ras ta' persuna diehla u hierga b'mod imfixkel minn fethiet differenti fil-hitan u dan mill-ewwel nissel suspett fih.”

Ix-xhud De Villiers jghid illi "I confirm that the public has to go past this building to access the beach. I first saw the

accused popping his head out of the building. At that time I could not ascertain whether he was masturbating or not.”

Sa dan l-istadju cioe' tal-"head popping out", ix-xhud ma kellu ebda certezza dwar jekk l-imputat kienx qed jimmasturba, izda biss suspett. Dan is-semplici tqanqil ta' suspett, marbut mal-fatt li fi kliem De Villiers, huwa "a person of sound Christian values…many children use that area to swim there every day" (tieni faccata: xhieda De Villiers) , jaghmilha aktar plawsibbli li gja' mill-bidu nett, inholqot preokkupazzjoni qawwija fix-xhud li waslitu biex jemmen li l-imputat kien qieghed jimmasturba. Gja' mohhu hu kkondizzjonat.

L-Ewwel Qorti rrimarkat illi "Meta ddecidew jirritornaw fl-appartament taghhom, huma kellhom ighaddu minn fejn dan il-fond abbandunat u hemmhekk regghu raw lil din il-persuna. Izda din id-darba ntlemah jimmasturba u ix-xhud ma kellu ebda dubju dwar dan.” (sentenza: tieni faccata)

Bir-rispett kollu, din il-konkluzzjoni ta' "ebda dubju” mhijiex sostnuta minn dak li qalu li raw ix-xhieda, meta jixhdu proprju dwar il-waqt tal-allegat att ta' masturbazzjoni, cioe' huma u jirritornaw lejn l-appartament.

Dwar dan il-waqt, it-tieni xhud, Arild Esnali, ighid illi "As I looked at this person I could see that he was masturbating with his right hand, but his back was towards me.” (tieni faccata)

Trevor De Villiers ighid li kien meta kienu qed jirritornaw lura mill-ghawma ghall-appartament vicin fejn kienu qed joqghodu illi " ... we saw the accused from the waist upwards making vigorous motions which obviously triggered us to conclude that he was masturbating.” (tielet faccata: fl-ahhar)

Dan il-kliem ta' Esnali u De Villiers hawn sotto-linejati, juri li huma kienu biss qed jassumu li l-imputat kien qed jimmasturba ghaliex:

- b' dahar l-imputat lejhom;

- minghajr mal-qalziet tal-imputat ma jinghad li kien imnizzel;
- minghajr ebda xhud ma jghid li ra lill-imputat bil-parti privata tieghu f’idu;
- u bl-istess xhieda jigu “triggered to conclude”, difficilment li l-imputat jista' jitqies, minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li kien qed jimmasturba. Certament l-assunzjoni ta' fatt ma twassalx ghall-prova tal- fatt.

Apparti l-unici zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'kollox kienu hames persuni, kif osservat il- Qorti li x-xhud Trevor De Villiers kien akkumpanjat minn erba' hbieb ohra.

F 'cirkostanza fejn qed jigi allegat li l-imputat kien qed jimmasturba, huwa nkomprensibbli kif li kieku dan kien minnu, hadd minn grupp ta' hamest irgiel ma ghajjat jew wera xi forma ta' oppozzizzjoni verbali, diretta lejn l-imputat waqt l-ezekuzzjoni tal-allegat att.

Verament li hadd miz-zewg xhieda jew shabhom ma huma 'law enforcers' u li m'ghandux jigi pretiz minnhom li fizikament iwaqqfuh, izda mill-banda l-ohra mhuwiex koncepibbli kif qatt jista' ikun li imqar wiehed minn hames persuni, ma jgholliex lehnu mal-imputat sulu sulu jew jigbidlu l-attenzjoni biex jimbarazzah u jieqaf minn ghemilu, kieku verament l-imputat kien qed jimmasturba.

In oltre', anke s-sernplici fatt li minn hamsa li kienu flimkien, jixhdu tnejn biss ikompli bir-rispett kollu idghajjef l-accettazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-imputat appellant kien qieghed jimmasturba.

Trevor De Villiers ighid illi malli waslu ghall-ghawma fid-disgha ta' fil-ghodu, huwa ra lill-imputat “who was in a derelict building, which I concluded is a derelict restaurant and I have no doubt that it was the accused in this derelict building.” Ix-xhud Arild Esnali jghid illi "one of my friends drew my attention to the presence of a person in an old derelict restaurant”.

Fil-waqt li l-imputat jikkonferma li kien fir-restaurant delapidat, ighid illi huwa ma kienx "vizibbli mit-triq ghaliex

dan ir-restaurant delapidat huwa twil hafna u ma tistax tarah minn mat-triq.”  (tieni faccata: xiehda ta’ l-imputat)

F' dan il-kuntest ta' vizibilita' o meno tal-imputat mit-triq, ix-xhud De Villiers ighid in kontro-ezami li "I confirm that the public has to go past this building ( il-bini delapidat li kien go fih l-imputat) to access the beach  . . . to access the water you need to go to the steps of this derelict building.” U jerga' jenfazizza in kontro-ezami li “I explain that one has to walk past the building to get access to the bathing area.”

De Villiers ikompli jghid in kontro-ezami li “I first saw the accused popping his head out of the building.  At that time I could not ascertain whether he was masturbating or not.”

Minn dan il-kliem johrog illi l-access ghall-pubbiku biex jinzel sal-bajja u jirritorna, huwa minn dan il-passagg ma’ gemb il-bini, u kemm meta waslu u sa ma kienu ghadhom fil-bajja, ix-xhieda jikkonoxxu li ma setghu jaraw xejn, hlief lill-imputat gol-bini imwaqqa', minghajr ebda accertazzjoni dwar x' kien qed jaghmel.

Meta telqu mill-bajja biex jirritornaw lura ghall-appartament fejn kienu qed jirrisjedu, ma rritonawx mill-passagg li nizlu minnu u li minnu l-pubbliku bil-fors irid ighaddi, kif jirrizulta mill-fuq imsemmija xiehda ta' De Villiers. Minhabba s-suspett li tqanqlilhom stante l-precedenti "head popping out ... hapharzardly”, meta gew biex jaghmlu dan ir-ritorn lejn l-appartament, fi kliem De Villiers (tieni faccata) "After having our swim, we decided to go round the derelict building to see what is going on with this gentleman.”

L-izbriga li hadu z-zewg xhieda u it-tlett shabhom l-ohra li minflok ighaddu komodament mill- passagg pubbliku minn fejn qabel ma setghu jaraw ebda att illecitu jsehh, deliberatament raw kif jistghu jghaddu minn naha ta' wara tal-bini b'herqa biex jitkixxfu x'kien qed jaghmel l-imputat, tirrifletti kemm il-punt fejn kien l-imputat gewwa il-bini delapidat, kien wiehed maqtugh u mhux espost ghall-pubbliku.

Jigi umilment sottomess, li l-punt dwar jekk fejn kien jinsab l-imputat fir-restaurant delapidat kienx lok espost ghall-pubbliku, ghandu jigi determinat bil-korroborazzjoni ta' provi materjali u oggettivi billi din fil-fattispeci tal-kaz kienet haga ferm possibbli, u mhux li l-Prosekuzzjoni tistrieh sempliciment fuq il-prova soggettiva konsistenti biss f'dak li jghid li ra xhud.
Fil-kaz odjern , din il-vizibilita' mit-triq ghal gewwa r-restaurant setghet tigi facilment stabilita bit-tehid ta' ritratti, anke post facto . Din kienet tikkostitwixxi l-aqwa prova, li pero' ma saritx.
Ma setghax jonqos illi ta' l-inqas wiehed mill-hames vizitaturi fuq is-sit tal-allegat reat kellu xi 'camera', jekk mhux fuq il-post fl-appartament vicin, fejn sahansitra x-xhud Arild Esnali kellu anke tromba (tieni faccata: xhieda Esnali). Similment il-Pulizija li arrestat lill-imputat fuq il-post setghet ukoll tiehu ritratti minn kull angolu relevanti, biex isostni t-tezi ta ' kemm il-punt fejn kien jinsab l-imputat gewwa r-restaurant imwaqqa' kien vizibbli minn terzi u b'hekk jikkostitwixxi 'l-lok espost ghall pubbliku'.

In-nuqqas ta' ritratti jhalli dubji serji dwar kemm verament l-imputat l-ewwel u qabel kollox kienx vizibbli fil-punt fejn kien qieghed fil-bini delapidat, minn terzi li jkunu barra il-fond.

Illi ghalhekk in konkluzzjoni, umilment jigi sottomess li:

(a) fl- ewwel lok l-akkuza kif dedotta, li timplika li l-allegat att ta' masturbazzjoni mill-imputat sehh "fil-24 ta' Lulju, 2012 ghal habta tal-11.15 am" minnha nnifisha ma tistghax tregi, billi x-xhud De Villiers jindika li l-allegat att sehh fl-ghaxra ta' fil-ghodu (10.00 a.m.) u is-Sibt u mhux it-Tlieta, 24 ta' Lulju, 2012;

(b) fit-tieni lok fil-mertu, stante :

li, jekk stess iz-zewg xhieda tal-Prosekuzzjoni raw lill-imputat gewwa l-bini mwaqqa', huma ma raw ebda att ta' masturbazzjoni per se, izda atti li gieghluhom jassumu li

huwa kien qed jimmasturba kif jixhed il-kliem ta' De ViIliers "triggered us to conclude" u
b' hekk dan ma jikkostitwixxix prova tal-att izda biss suspett;

li l-imputat kellu daharu lejn ix-xhieda, kif xehed Esnali, u ergo' la mill-genb u lanqas minn quddiem ma setghu rawh, tant li hadd minnhom ma qal li kien qed izomrn il-parti privata tieghu u li hadd mix-xhieda ma qal li kellu il-qalziet imnizzel;

li mill-hames vizitaturi xehdu biss tnejn, u hadd minn dawn il-hamsa ma mqar ittanta jghajjat lejn l-imputat biex jimbarrazah;

- li l-punt gewwa l-fond imwaqqa', fejn kien l-imputat, mhux post espost ghall-pubbliku tant illi biex jirritornaw lejn l-appartament mill-bajja, flok ghaddew mill-access pubbliku taht il-bini, mnejn kienu qabel nizlu ghall-bajja u ma raw ebda att ta' masturbazzjoni isehh, deliberatament ghaddew minn wara biex jitkixxfu x'seta' kien qed jaghmel l-appellant f’dan il-bini;

- u li ma ngibdet ebda prova oggettiva u materjali ta' ritratti li setghu jaccertaw li l-punt fejn kien l-imputat gol-bini delapidat, seta' kien vizibbli minn terzi mit-triq u cioe' li verament seta' kien post espost ghall-pubbliku.

Flimkien, iwasslu ghall-konkluzzjoni unika li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx l-akkuza taghha ta' offiza ghall-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f’lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku, a tenur tal-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ‘il hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu l-fatt li fic-citazzjoni gew indikati hazin kemm id-data ta' l-incident, kif ukoll il-hin ta' l-istess incident.

Illi dwar id-data ta' l-incident ic-citazzjoni tindika il-gurnata tal-24 ta' Lulju, 2012. L-appellant jikkontendi li l-gurnata hi wahda hazina ghaliex hu jsemmi l-gurnata tas-sibt, 21 tax-xahar u mhux it-tlieta, 24 tax-xahar. Mill-provi l-ohra prodotti quddiem l-ewwel Qorti u senjatament mix-xhieda

ta' Arild Esnali, mid-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali u mill-istqarrija ta' l-appellant kollha jindikaw id-data tal-24 ta' Lulju, 2012. Ghalhekk, hu car li x-xhud Trevor De Villiers ha zball genwin. L-ewwel Qorti ma hadet ebda zball meta ndikat li l-att sehh fil-gurnata tal-24 ta' Lulju, 2012.

Illi dwar il-kwistjoni tal-hin tal-incident. Hu car li l-artikolu 360(2) jistipula l-kontenut tac-citazzjoni li ghandha tigi notifikata lill-persuna akkuzata. Fost l-elementi hu li ghandu jigi ndikat iz-zmien. F'dan il-kaz jidher li hemm diskrepanza ta' siegha. Izda hu car li l-legislatur ma kellhux f'mohhu dan it-tip ta' diskrepanzi minimi. Mill-elementi l-ohra tac-citazzjoni johrog car li l-pulizija kienet qed taghmel referenza ghall-azzjoni li sehhet f'perjodu ristrett ta' hin. Taht ebda cirkostanza dan ma jista' jwassal ghal anulita' tac-citazzjoni de quo. Dan hu sostnut mill-gurisprudenza u hawnhekk qed issir referenza ghall-appell deciz fis-16 ta' Mejju, 1953 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Toni Mifsud". Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll ma jistax jirnexxi.

Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta car li z-zewg xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kienu cari fl-espozizzjoni tal-fatti u ma jhallu ebda dubju x'kien qed jaghmel l-imputat u fejn kien qed ihares waqt l-azzjoni tieghu. L-ilment li kien hemm hamsa min-nies u xehdu tnejn biss ma jaghmel ebda sens ghaliex anki xhud wiehed, jekk emmnut, hu bizzejjed. Minbarra, dan ma hemm ebda dubju li l-post fejn kien l-appellant kien vizibbli u kien espost ghall-pubbliku. L-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti hu korrett u il-konkluzjonijiet taghha kienu legali u ragonevoli. ghalhekk, dan l-aggrvju wkoll ma jistax jirnexxi.

Illi l-appellant hu akkuzat li hu recidiv. Ghalkemm, hemm il-prova tar-recidiva tieghu l-ewwel Qorti naqset li tindika l-artikolu tal-ligi u ghalhekk ma tistax tinsab htija dwar it-tieni akkuza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tillibera lill-appellant Paul Lughermo mit-tieni akkuza minn kull htija u piena. Tikkonferma s-

sentenza appellata dwar l-ewwel akkuza fejn gie misjub hati. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant Paul Lugghermo ghal piena ta' tletin (30) gurnata prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------